MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CAROL PERALTA

Seduta tat-30 ta' Lulju, 2013

Numru. 1159/2010

**PULIZIJA**
**SPETTUR SANDRA ZAMMIT**

**VS**

**RAMSEY FARRUGIA**
**BARCLAY VELLA**
**JOSEPH GALEA**

**Il-Qorti:**

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Ramsey Farrugia, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 265693 (M); l-imsemmi Barclay Vella, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 102693 (M) u l-imsemmi Joseph Galea, detentur tal-Karta tal-Identita` numru 293290 (M).

**Akkuzati talli:**

Nhar id-29 t'Ottubru, 2010, ghall-habta tas-sebgha u nofs ta` filghaxija (07:30pm) gewwa Triq il-Belt Valletta, Hal-Qormi, ikkommettew serq ta` vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni CBE 705, liema serq hu kkwalifikat bil-valur, bix-xorta tal-haga misruqa u bil-hin;

U aktar talli rendew ruhhom recidivi b'diversi sentenzi moghtija lilhom mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), liema sentenzi huma definittivi u ma jistawx jinbidlu;

Lil Joseph Galea wahdu talli:

Nhar il-5 ta` Novembru, 2010 u/jew fil-granet ta` qabel, gewwa dawn il-gzejjer saq il-vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni CBE 705 minghajr licenzja tas-sewqan;

U aktar talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura minghajr ma kien kopert bil-polza tas-sigurta` dwar ir-riskju tat-terzi persuni;

U aktar talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi bidel, irranga mill-gdid jew hassar marka ta` registrazzjoni ta` vettura bil-mutur jew xort'ohra baghbas mil-pjanci tar-registrazzjoni ta` vettura bil-mutur, liema vettura hi tal-ghamla Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni CBE 705;

U aktar talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi ghamel uzu minn numru t'identifikazzjoni xort'ohra minn dak moghti mill-Pulizija jew mill-Awtorita` dwar xi vettura bil-mutur partikolari;

U aktar talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi naqas milli jhares il-kundizzjonijiet li gew impost fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), fid-digriet li gie moghti u li bih inghata l-helsien mill-arrest;

U aktar talli kiser il-provvediment operattiv tal-*Probation* fejn kien gie misjub hati, b'sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta);

Lil Barclay Vella wahdu talli:

Nhar l-4 ta` Novembru, 2010 u/jew fil-granet ta` qabel gewwa dawn il-gzejjer saq il-vettura tal-ghamla Fiat Punto bin-numru tar-registrazzjoni CBE 705 minghajr licenzja tas-sewqan;

U aktar talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi saq l-imsemmija vettura minghajr ma kien kopert bil-polza tas-sigurta` dwar ir-riskju tat-terzi persuni;
U aktar talli fl-istess dati, lok u cirkostanzi ghamel uzu minn numru t'identifikazzjoni xort'ohra minn dak moghti mill-Pulizija jew mill-Awtorita` dwar xi vettura bil-mutur partikolari.

Il-Qorti rat u ezaminat id-dokumenti esibiti;

Wara li semghet ix-xhieda mressqa u l-provi kollha prodotti;

Wara li rat l-Artikoli:

Ramsey Farrugia: 17, 23, 31, 261 (c) (f) (g), 267, 270, 271 (g), 279 (b), 280 (1), 281 (b) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta;

Joseph Galea: 261 (e) (f) (g), 267, 270, 271 (g) 279 (b), 280 (1), 281 (b), 188, 189, 579 (1) (2), 49, 289, 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta; 3 (1) (1A), 3 (2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta` Malta; 15 (1) (a), 15 (3), 15 (1A) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta; 7, 21, 22, 23, u 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta;

Barclay Vella: 261 (c) (f) (g), 267, 270, 271 (g), 279 (b), 281 (1), 281 (b), 17, 23, 31 u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta; 3 (1), 3 (1A) (2A) tal-Kapitolu 104 tal-Ligijiet ta` Malta; 15 (1) (a), 15 (3), 15 (1A) tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta` Malta.

Wara li hadet in konsidrazzjoni c-cirkostanzi kollha tal-kaz;

**Ikkunsidrat:**

1. Joseph Galea, inflagrante, kixef lil Barclay u li Ramsey (Ma wiegeb ghal ebda mistoqsija);

2. Barclay Vella: Innota karozza fl-Imsida. Kienet ilha hemm gimgha. Ammissjoni ta` sewqan jghid li Joseph saqha wkoll; jghid li Joseph biddel in-*number plates* u jichad li serquha minn Hal Qormi;

3. Ramsey Farrugia.

Illi din il-kawza titratta dwar serq ta` karozza tal-marka Fiat Punto liema karozza kienet ipparkjata quddiem is-*showroom* tat-**Topper Auto Dealer** fi Triq il Belt Valletta, Hal Qormi. Din il-karozza kellha numru ta` registrazzjoni CBE 705 u insterqet fid-29 ta` Ottubru 2010. Dan is-serq gie kkonfermat bix-xhieda ta` Etienne Azzopardi s-sid irregistrat ta` dina l-vettura u minn Sinclair Gauci, il-persuna li kienet xtrat din il-vettura minghand Azzopardi izda li pero ma kienx lahaq ghamel *transfer* ta` din il-vettura fuqu. Din is-serqa giet ukoll ikkonfermata mill-Pulizija li tellghu bhala xhieda mill-Prosekuzzjoni u mill-okkorrenza ta` dan l-incident liema okkorenza tinsab a fol 31 et seq ta` dan il-process.

Jirrizulta wkoll illi, fil-5 ta` Novembru ta` dina l-istess sena, Sinclair Cauchi, ghamel rapport mal-Pulizija ta` Hal Qormi li huwa kien identifika l-vettura propjeta` tieghu izda, illi, meta ra li kellha n-numru IAN 401 liema registrazzjoni tappartjeni lill-*car dealer* Joseph Micallef u ghadha hekk irregistrata sallum, minflok in-numru regolari taghha ta` CBE 705. Il-Pulizija immedjatament hadet passi u waqfet lil din il-vettura fit-triq li kienet, dak il-hin, qed tigi misjuqa mill-imputat Joseph Galea.

Illi Joseph Galea, meta mitkellem mal-Pulizija, innega li huwa kien seraq din il-karozza minn Hal-Qormi xi zmien qabel u cioe` fid-29 ta` Ottubru 2010. Jirrakkonta illi, fl-4 ta` Novembru, u cioe` gurnata qabel ma inqabad mill-Pulizija jsuq din il-vettura, huwa kien gie infurmat minn shabu Barclay Vella u Ramsey Farrugia li vicin ir-residenza ta` Barclay Vella gewwa l-Imsida kien hemm vettura pparkjatha bic-cavetta go fiha u li dina l-vettura kienet ilha pparkjatha hemm ghal xi zmien. Irnexxielhom jaqbduha u bhala prekawzjoni biddillha r-*registration plates* u pogga *plates* ta` vettura li huwa kien ghadu kemm skrappja. Meta qabduh il-

Pulizija bil-karozza huwa kien sejjer lura biha ghand Barclay Vella sabiex jirritornahhielu.

Illi l-prova ta` recediva fil-konfront ta` Barclay Vella ingabet permess li giet esebita sentenza fil-konfront tieghu datata 1 ta` April 2009 moghtija mill-Magistrat Dr. Doreen Clarke. Is-sentenza ta` *previous conviction* fil-konfront ta` Ramsey Farrugia ma tistax tittiehed in konsiderazzjoni stante li hija biss fotokopja u m'hiex awtentika. Giet ukoll prodotta sentenza precedenti fil-konfront ta` Joseph Galea.

Illi in-sostenn tad-difiza li ma kienux huma li serqu din il-vettura minn Hal Qormi fid-29 ta` Ottubru 2010, id-difiza tellghet in xhieda omm l-imputat Ramsey Farrugia li, bil-gurament ikkonfermat illi ghal habta tas-sebgha u nofs ta` filghaxija (07:30pm) tad-29 t'Ottubru 2010, it-tifel taghha, Ramsey, kien qieghed maghha d-dar. Fil-fatt, huwa kien hareg mid-dar fis-sebgha u nofs ta` filghaxija (07:30pm). Xehed ukoll certu Matthew Abela li dak in-nhar stess ghal habta tat-tmienja ta` filghaxija (08:00pm) huwa ltaqa` ma` Ramsey u certu Dillon Vella u flimkien marru l-Hamrun, San Gwann u Paceville. Gie esibit ritratt ta` Ramsey fejn qieghed jattendi *party* tal-Halloween gewwa l-**Liquid Club**, San Gwann, dak in-nhar.

Illi dina l-Qorti ma ghandha l-ebda dubju li l-vettura tal-marka Fiat Punto, numru ta` registrazzjoni CBE 705 verament insterqet mill-pussess ta` Sinclair Cauchi madwar is-sebgha u nofs ta` filghaxija (07:30pm) tad-29 ta` Ottubru 2010 minn quddiem it-**Topper Auto Dealer** fi Triq il-Belt Valletta, Hal Qormi. Ir-rapport li ghamlu flimkien mal-Pulizija Etienne Azzopardi u Sinclair Cauchi ta` din is-serqa hija xhieda ta` dan kif inhi wkoll ix-xhieda taghhom u x-xhieda tal-Prosekuzzjoni *viva voce* quddiem din il-Qorti.

Izda wiehed ghandu jiehu in konsiderazzjoni c-cirkustanzi kollha tal-kaz u cioe`:

1. Il-fatt illi Joseph Galea inqabad in flagrante fil-5 ta` Novembru 2010 u cioe` seba` t'ijiem (7) wara li nsterqet originarjament din il-vettura minn Hal Qormi;

2. Il-fatt illi Barclay Vella u Ramsey Farrugia stqarrew fl-istqarrijiet taghhom fl-*istatements* li ghamlu mal-awtoritajiet investigattivi li din

il-vettura Fiat Punto numru ta` registrazzjoni CBE 705 kienet ilha pparkjatha ghal-numru ta` granet bic-cavetta go fiha quddiem ir-residenza ta` Barclay Vella gewwa l-Imsida. Dawn iz-zewg imputati jkomplu jzejqu l-istorja billi jirrakkuntaw il-kedda li taghthom din il-karozza stante li kellha l-batterija baxxa u li sahansitra gabulha batterija gdida. Ukoll il-fatt kif u meta Joseph Galea bidillha n-*number plates*. Anke Joseph Galea li ma rrispondiex il-mistoqsijiet li kienu qedghin isirulu mill-awtoritajiet investigattivi, jidher li jaqbel ma din il-verzjoni unanimament;

3. Ix-xhieda ta` omm Ramsey Farrugia u ta` Matthew Abela, li bil-gurament, ikkonfermaw illi filghaxija u fil-lejl tad-29 ta` Ottubru 2010 Ramsey Farrugia kien qiegħed maghhom. U, dina x-xhieda tikkombacja perfettament mal-verzjoni li taw l-imputati li ma kienux huma li serqu din il-Fiat Punto filghaxija tad-29 ta` Ottubru, 2010.

Illi l-Prosekuzzjoni ma rnexxiliex iggib xhieda konvincenti ohra in-sostenn tal-akkuza principali taghha. Kif inhi l-verzjoni tal-imputati hija pjuttost kredibbli. Dina l-Qorti, mlea, ma tarax alternattiva ohra hlief milli tillibera lit-tlett imputati mill-akkuzi ta` serq kif hekk akkuzati. Il-Qorti trid, pero, taghmilla carissima! Bl-ebda mod ma hija tiggustifika s-serq ta` l-istess karozza, iva serq, seba` (7) t'ijiem wara ma nsterqet l-ewwerl darba ghaliex tiehu u ssuq karozza pparkjata, proprjeta` ta` terzi sempliciment ghaliex kellha c-cavetta go fiha huwa fil-fatt serq ukoll. Izda b'din is-serqa l-imputati ma gewx akkuzati.

Illi minhabba dina l-liberazzjoni, dina l-Qorti, ta` bilfors ghandha tillibera lill-imputati mill-akkuza ta` recediva.

Il-Qorti qedgha ssib htija fil-kumplament tal-akkuzi migjuba kontra Joseph Galea u Barclay Vella u dan minhabba:

1. Ix-xhieda prodotta inkluz Brian Farrugia;

2. Id-dokumenti esibiti inkluzi l-istatements tal-imputati kollha;

3. Is-sentenzi, kondizzjonijiet ta` helsien mill-arrest u *probation orders* esibiti.

Fil-konfront ta` Ramsey Farrugia, l-Qorti ma ssibux hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu u minnhom tilliberah.

Fil-konfront ta` Barclay Vella, il-Qorti ssibu hati tal-imputazzjoniiet u tinfliggi fuqu multa ta` tmien mitt ewro (€800) flimkien ma` sena (1) sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan.

Fil-konfront ta` Joseph Galea, il-Qorti ssibu hati tal-imputazzjonijiet kif dedotti kontra tieghu u tinfliggi fuqu multa ta` elf u mitejn ewro (€1,200) flimkien ma` sena sospenzjoni tal-licenzja tas-sewqan.
Il-Qorti spjegat il-portata ta` din is-sentenza lill-imputati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------